MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2014

Avviz Numru. 62/2014

**Rikors Numru: 62/2014 CSH**

**Randolph Camilleri Surveys Limited (C 12152)**

**vs**

**Francesco Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tas-socjeta’ attrici kif prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar l-20 ta’ Frar 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta’ tlett elef, disa’ mija u sebgha u tmenin ewro (€3,987) rapprezentanti bilanc dovut minnu lis-socjeta’ attrici ghal servizzi professjonali rezi lilu mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tieghu stess, in konnessjoni ma’ xogholijiet gewwa Palazzo Mangion, l-Imdina, u dana skond ma jirrizulta mill-*Proposal for Surveying Services* mahruga mis-socjeta’ attrici (Dok. RCS1), mill-*Client Responsibility Form* li giet debitament ikkonfermata u ffirmata minnu (Dok. RCS2) u mill-*invoice* ghas-servizzi rezi lilu mis-socjeta’ attrici (Dok. RCS3);

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors, u bl-imghax legali mil-lum sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Purtier Carmel Gauci datata 12 ta’ Marzu 2014 (fol 8 tergo).

Rat illi fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-avukat difensur tas-socjeta’ attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tas-26 ta’ Marzu 2014.

Rat illi fis-seduta tas-27 ta’ Marzu 2014 deher Dr Pio Valletta ghall-konvenut li pprezenta nota ta’ ammissjoni.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici fuq ammissjoni tal-istess konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, disa' mija sebgha u tmenin ewro (€3,987) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-konvenut u bl-imghax jibda jiddekori mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------